MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Talba Numru. 347/2012

**Camilleri Silvana**

**vs**

**Ebejer Karen**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ddikjarat illi selfet lill-intimata flus kontanti kif ukoll oggetti ohra li flimkien jaghqdu s-somma ta' elf, sebgha u sebghin ewro u tlettax-il centezmu (€1,077.13c).

Illi l-esponenti kemm-il darba ppruvat ssolvi din il-pendenza bonarjament izda dan inutilment. Illi l-esponenti kienet anke pprezentat ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12. Illi hija trid li tinghata lura s-somma indikata.

Bl-ispejjez kollha inkluz ittra ufficjali msemmija.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti inter alia ai termini tal-Artikoli 2148(b) u (f) u 2149 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ma sar ebda ftehim ta' self bejn il-partijiet; Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante inter alia li ma sar ebda ftehim ta' self bejn il-partijiet u jekk inghata xi haga, *dato ma non concesso*, dan kien f'forma ta' rigal u ghalhekk il-konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attrici; Illi ghalhekk il-konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attrici u kull prestazzjoni da parti tal-attrici versu l-konvenuta kienet wahda ta' hbiberija; Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi l-konvenuta ntavolat kontro-talba li permezz taghha ddikjarat illi l-attrici rikonvenzjonata hija debitrici ta' Karen Ebejer fl-ammont ta' elf, mija tmienja u tletin ewro u wiehed tmenin centezmu (€1,138.81c) rapprezentanti in kwantu ghal sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81c) b'rizultat ta' ksur ta' ftehim da parti ta' Silvana Camilleri u s-somma ta' erbgha mija u erbghin ewro (€440) rapprezentanti spejjez inkorsi minn Karen Ebejer b'rizultat tal-agir ta' Silvana Camilleri. Illi ghalhekk Karen Ebejer qed titlob li Silvana Camilleri thallasha s-somma ta' elfc mija u tmienja u tletin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,138.81c) flimkien mal-ispejjez legali u l-interessi.

Ra r-risposta tal-attrici rikonvenzjonata, li permezz taghha eccepiet illi l-kontro-talba ta' Karen Ebejer hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li m'hemm l-ebda ksur ta' ftehim da parti ta' l-attrici rikonvenzjonata Silvana Camilleri. Illi bid-dovut rispett, Karen Ebejer qed tikkontradixxi lilha nnifisha meta qed tghid li hemm ksur ta' ftehim meta fir-risposta taghha ssemmi li ma sar l-ebda ftehim ta' self bejn il-partijiet. Illi se mai, jekk hemm xi hadd li inkorra spejjez, kienet l-attrici rikonvenzjonata li nkorrithom. Bl-ispejjez u bl-imghax.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti li gew esebiti.

Ra s-sentenza preliminari dwar il-preskrizzjoni datata 12 ta' April, 2013.

Ra r-rikors tal-konvenuta datat 30 ta' Dicembru, 2013 u n-nota tal-konvenuta datata 30 ta' Dicembru, 2013, li permezz taghha l-konvenuta reghhet tenniet l-eccezzjoni taghha ta' preskrizzjoni, madanakollu din id-darba ai termini tal-Artikolu 2156 (e) u (f) tal-Kap 16 tal-

Ligijiet ta’ Malta. Ra d-digriet tieghu datat 15 ta’ Jannar, 2014, li permezz tieghu ordna n-notifika tar-rikors lill-kontro-parti. Ra li din l-ordni ma gietx segwita; madanakollu, u minkejja f’dan, il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici xehdet u ddikjarat illi hi u l-konvenuta kienu girien, u kien hemm zmien meta saru hbieb, u kienu jkunu frekwentement fil-kumpanija ta’ xulxin. Illi l-istess attrici kienet ta’ spiss tixtri xi oggetti fuq inkarigu tal-konvenuta, u peress illi l-konvenuta ma kienitx taghtiha flus meta kienet tibghatha tixtri, l-attrici kienet tixtri dawn l-oggetti minn flusha. Illi dawn l-oggetti kuenu jikkonsistu f’pakketti tas-sigaretti, *groceries*, u anke medicinali. Illi oltre dan, il-konvenuta kienet anke titlob xi flus lill-attrici sabiex tghaddihom lil iben l-istess konvenuta, oltre illi l-attrici harget ukoll flus sabiex il-konvenuta taghmel *claim* mal-assigurazzjoni wara illi kienet involuta f’incident awtomobilistiku, u anke xtrat mera ta’ karozza. Illi l-attrici kienet anke sellfet xi flus lill-konvenuta sabiex din tal-ahhar thallas lill-Avukat taghha. Illi peress illi din is-sitwazzjoni fejn il-konvenuta kienet titlob il-flus lill-attrici ppersistiet, l-istess attrici ddecidiet illi thejji rendikont tal-flus li kienet regolarment tghaddi lill-konvenuta, u kopja ta’ din il-lista giet ipprezentata, u mmarkata bhala Dok. “KE-1”, u tinsab a fol.18 tal-atti. Illi skond id-deposizzjoni li nghatat mill-attrici, hi kienet tghaddi xi flus lill-konvenuta kull meta kienet titlobha, u kien ghalhekk li hasset il-htiega li thejji xi forma ta’ rendikont ta’ dawn il-flus li kienet tghaddi lill-konvenuta. Illi hi bdiet issellef il-flus lill-konvenuta madwar seba’-(7) snin ilu, u l-ahhar darba li ghadditilha xi flus kien fl-2008. Wara dak iz-zmien, il-konvenuta marret toqghod f’lokalita’ ohra. Illi l-attrici kienet titlob lill-konvenuta sabiex trodd dawn il-flus lura, u l-konvenuta kienet taccertaha li ser taghtihomlha lura ladarba tbiegh il-proprjeta’ taghha.

Illi eventwalment inqala’ dizgwid bejn il-partijiet, u dan ghaliex l-attrici kienet ser izzomm il-kelb tal-konvenuta, izda wara gurnata li dan il-kelb dam ghand l-attrici, l-istess attrici ma setghetx tibqa’ zzommu, u ghalhekk il-konvenuta kellha tiehdu lura. Dan kien fl-istess zmien meta l-konvenuta kienet bieghet id-dar taghha, u ghalhekk harget mid-dar taghha u marret tghix f’lokalita’ ohra. Illi konsegwenza ta’ dan, inqata’ l-kuntatt bejn il-partijiet, u peress illi

l-konvenuta baqghet ma rodditx il-flus lura lill-attrici, allura l-attrici avvicinat Avukat u ntbaghtu tliet ittri legali lill-konvenuta (a fol.33 sa 35 tal-atti), li permezz taghhom talbet refuzjoni tas-somma mertu ta' din il-kawza, izda l-konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammont mitlub.

Illi l-konvenuta ddikjarat li kienet taf lill-attrici ghaliex kienu hbieb. Illi dwar ir-rendikont li gie mhejji mill-attrici u moghti lill-konvenuta dwar xi flus li gew mislufa lilha, il-konvenuta qalet illi hi rat dan ir-rendikont ghall-ewwel darba wara illi l-partijiet kienu tlewmu dwar il-kelb tal-istess konvenuta. Illi l-konvenuta ddikjarat illi hi rciviet xi ittri legali mibghuta ghan-nom tal-attrici, li permezz taghhom kienet qed tigi mitluba illi trodd lura xi flus, u in segwitu ghal dawn l-ittri, rceviet ir-rendikont imsemmi. Illi ddikjarat illi l-attrici kienet tixtrilha xi affarijiet, bhal sigaretti, izda ma kienetx zammet f'mohha x'aktar l-attrici xtratilha, u ddikjarat ukoll illi l-attrici kienet tixtri dawn l-oggetti minn jeddha, u mhux ghaliex kienet titlobhomlha l-konvenuta. Illi l-istess konvenuta ddikjarat illi sa fejn taf hi, ma kellhiex taghti ebda flus lill-konvenuta, ghaliex ghadda hafna zmien. Xehdet ukoll illi qatt ma ffirmat ebda skrittura mal-attrici in konnessjoni ma' self ta' flus, u dan ghaliex il-partijiet kienu hbieb u kienu ta' spiss jaghtu xi affarijiet lil xulxin. Illi qatt ma ghaddilha minn mohha illi l-attrici kienet ser titlobha l-hlas lura ta' dawk l-oggetti li nxtraw mill-istess attrici, ghaliex huma kienu hbieb, u li kienet taghtiha l-attrici kienet taghtih minn jeddha, u fl-isfond ta' din il-hbiberija, tant illi anke kienu johorgu flimkien. Illi eventwalment il-konvenuta marret tghix f' lokalita' ohra, u ghalhekk ma baqghetx f'kuntatt mal-attrici, u f'okkazjoni meta ltaqghet mal-attrici hdejn l-iskola tat-tifel, din tal-ahhar talbet lill-konvenuta tmur maghha l-Bank sabiex thallasha lura l-flus li kienu dovuti lilha, izda l-konvenuta ma accettatax, ghax riedet illi tinghata xi forma ta' rendikont dwar x'setgha kien dovut minnha qabel ma twettaq ebda hlas.

Illi dwar il-medicinali li nxtraw mill-attrici ghall-konvenuta, din tal-ahhar iddikjarat illi l-attrici xtrathomlha minn jeddha, ghaliex kienet taf li kellha kundizzjoni medika, u dwar il-claim mal-assigurazzjoni li saret mill-konvenuta wara li kienet involuta f'incident stradali, l-istess konvenuta ddikjarat illi l-attrici tatha xi flus in rigward ghaliex meta marret ghand l-assigurazzjoni l-attrici kienet akkumpanjatha, u l-konvenuta ma kellhix bizzejjed flus maghha. Illi l-konvenuta ddikjarat li kienet qed tgharaf uhud mill-oggetti elenkati fil-lista mhejjija mill-attrici, izda mhux kollox. Madanakollu, cahdet illi hi kienet titlob xi flus lill-

attrici meta kienu johorgu flimkien; illi se mai kienet tkun il-konvenuta li minn rajha, kienet tghaddi l-flus lill-konvenuta. Iddikjarat ukoll illi z-zmien meta l-partijiet tlewmu kien l-istess zmien meta l-konveuta kienet fil-process li tbiegh id-dar matrimonjali.

Illi iben il-konvenuta ddikjara illi lill-attrici kien jafha bhala l-habiba tal-konvenuta, u ddikjara li kienet tkun frekwentement id-dar ghandhom. Iddikjara illi jaf illi kien hemm tilwima bejn il-partijiet u dan minhabba illi kienu ftehmu illi l-attrici kienet ser izzomm il-kelb tal-konvenuta, izda dan imbaghad ma sarx. Illi ddikjara illi ghalkemm l-attrici kienet tkun ta' spiss id-dar taghhom, qatt ma sema' xi diskors bejn il-partijiet dwar ir-radd lura ta' flus mill-konvenuta lill-attrici, u ddikjara wkoll illi sema' lill-partijiet jiddiskutu u waslu ghal ftehim illi meta l-konvenuta tbiegh id-dar, l-attrici setghet tiehu xi oggetti mobbli mid-dar – kif fil-fatt ghamlet, ghalkemm iddikjara wkoll illi ma rahix fizikament tehodhom – bil-patt illi l-attrici zzomm il-kelb tal-konvenuta, li madanakollu, din tal-ahhar zammitu biss ghal gurnata. Illi minhabba f'hekk, il-konvenuta giet kostretta li tpoggi dan il-kelb fil-*kennels*, u l-istess konvenuta kellha thallas l-ispejjez in rigward.

Ikkunsidra,

Illi fid-dawl tal-eccezzjoni ulterjuri dwar preskrizzjoni li giet sollevata mill-konvenuta, jehtieg illi tigi trattata din l-eccezzjoni qabel ma t-Tribunal jidhol fil-mertu tat-talba tal-attrici u l-kontrotalba mressqa mill-konvenuta rikonvenjenti. Illi permezz tan-nota tal-konvenuta datata 30 ta' Dicembru, 2013 (a fol.54 tal-atti), il-konvenuta qed teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (e) u (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan il-provvediment tal-Ligi jipprovdi ghall-perjodu preskrittiv ta' hames-(5) snin.

Illi mill-atti jirrizulta illi din l-azzjoni giet proposta fit-8 ta' Mejju, 2012, u ghalkemm intbaghtu diversi ittri legali mill-attrici lill-konvenuta qabel ma giet proposta din l-azzjoni, madanakollu, ma gew ipprezentati ebda atti gudizzjarji ohra f'dawn il-proceduri, u dan minkejja l-fatt illi fl-Avviz tat-Talba saret referenza ghal ittra ufficjali. Illi l-attrici ddikjarat fl-Avviz tat-Talba illi hi ghaddiet il-flus elenkati fir-rendikont li jinsab a fol. 18 tal-atti lill-konvenuta in linea ta' self *brevi manu*; illi ghalhekk miz-zewg sub-incizi tal-Artikolu tal-Ligi li gew indikati mill-konvenuta li ghandha tkun applikabbli ghat-talba attrici huwa s-subinciz (e) tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-konvenuta fl-ebda waqt ma

ddikjarat kategorikament illi ma nghatatx xi flus jew oggetti minghand l-attrici; madanakollu, ddikjarat ripetutament illi kwalunkwe flus u oggetti li nghatat mill-attrici, din tal-ahhar taghthomlha minn jeddha, u mhux bhala self jew bil-patt illi l-konvenuta thallasha ta' tali oggetti.

Illi fir-rigward tal-applikabilita' tat-terminu preskrittiv ghat-talba tal-attrici, u fid-dawl tal-fatt illi l-istess attrici ddikjarat illi kwalunkwe ammonti li ghaddiet lill-konvenuta, ghaddithomlha b'self, allura necessarjament isegwi illi t-talba ghall-hlas ta' kwalunkwe ammonti li thallsu mill-attrici lill-konvenuta 'l fuq minn hames-(5) snin qabel it-8 ta' Mejju, 2012 – u ghalhekk qabel it-8 ta' Mejju, 2007 – hija effettivament preskritta. Illi mir-rendikont li gie mhejji mill-istess attrici ma jirrizultax kjarament meta fl-2007 sar il-hlas tal-ammonti indikati, u filwaqt illi t-Tribunal jinnota illi dawk l-*entries* dwar hlas li sar fl-2008 huma kwazi kollha indikat bil-jum u x-xahar, dawk l-oggetti u flus li allegatament nghataw lill-konvenuta fl-2007, ma giex indikat iz-zmien ezatt meta nxtraw jew inghataw lill-konvenuta. Illi oltre dan ir-rendikont, ebda wahda mill-partijiet ma tefghet ebda dawl fuq meta bdiet il-hbiberija ta' bejn il-partijiet u wisq anqas meta fl-2007 setghu inxtraw u gew mghotija lill-konvenuta l-oggetti hemm elenkati. Illi fid-dawl tan-natura tal-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, liema eccezzjoni giet deskritta f'diversi okkazzjonijiet mill-Qrati taghna bhala eccezzjoni li min-natura taghha hija wahda odjuza, kwalunkwe dubju dwar l-applikabilita' ta' din l-eccezzjoni, ghandu jimmilita a favur tal-attrici. Illi ghalhekk, u fic-cirkostanzi, gialadarba ma jirrizultax b'mod inekwivoku illi dawk l-ispejjez li saru fl-2007 saru **qabel** it-8 ta' Mejju, 2007, allura t-Tribunal ma jistax iqis it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' dawk l-ammonti bhala preskritta. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi in rigward il-mertu, u cioe' t-talba tal-attrici ghar-refuzjoni tas-somma ta' elf u seba' u sebghin ewro u tlettax-il centezmu (€1,077.13c) irrizulta kjarament illi dawn l-oggetti u flus rizultanti mir-rendikont imhejji mill-attrici, inghataw mill-attrici lill-konvenuta fil-kuntest tal-hbiberija illi kien hemm bejn l-istess partijiet, liema hbiberija eventwalment spiccat in segwitu ghal dizgwid li nqala' bejn il-partijiet. Illi filwaqt illi l-konvenuta ma cahditx illi uhud mill-oggetti indikati fl-imsemmi rendikont ircevithom u / jew li l-attrici hallset ghalihom, madanakollu, iddikjarat illi tali oggetti u flus gew mghotija lilha mill-attrici mhux

ghaliex l-istess konvenuta talbithomlha, izda ghaliex l-attrici deherilha li kellha taghtihomlha. Illi ghalhekk il-konvenut issostni illi meta l-attrici tatha dawn l-oggetti u flus, ma gewx mghotija in linea ta' self, izda b'mod gratuwitu u minghajr ebda aspettattiva li jintraddu lura jew li jigi mhallas il-prezz taghhom.

Illi filwaqt illi rrizulta illi ma sar ebda ftehim bil-miktub bejn il-partijiet dwar jekk il-konvenuta kellhix trodd lura l-flus u l-prezz tal-oggetti li l-attrici tat lill-konvenuta, ma rrizultax daqstant car x'kien effettivament l-intendiment bejniethom, u dan peress illi l-verzjoni tal-fatti mghotija mill-partijiet hija konfliggenti. Filwaqt illi l-attrici tiddikjara illi kien hemm l-intendiment bejn il-partijiet illi meta l-konvenuta tbiegh id-dar taghha, din kienet ser thallas lura l-ammonti mislufa u thallas ukoll ghal dawk l-oggetti li l-attrici xtrat ghall-konvenuta, il-konvenuta, da parti taghha, tikkontendi illi qatt ma kien hemm ebda ftehim f'dan is-sens, u li ghalhekk m'ghandhix tigi tenuta li trodd lura ebda ammont lill-attrici. Anzi, l-istess konvenuta ddikjarat illi kien dovut ammont lilha mill-attrici, u cioe' s-somma ta' elf mija tmienja u tletin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,138.81c), u anke pproponiet kontro-talba ghall-hlas ta' dan l-ammont. Madanakollu, l-istess konvenuta ma ressqet ebda prova in sostenn tat-talba taghha, u l-uniku accenn illi sar ghal spiza li l-konvenuta giet kostretta li taghmel minhabba nuqqas ta' qbil mal-attrici, kien minn iben il-konvenuta li ddikjara li l-konvenuta giet kostretta li thallas madwar tliet mitt lira Maltin (Lm300), ekwivalenti ghal sitt mija tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81c), meta l-konvenuta kellha thallas sabiex il-kelb taghha jinzamm fil-*kennels* ghal perjodu ta' tliet-(3) xhur, meta dan il-kelb kellu jinzamm mill-attrici. Madanakollu, salv ghal tali stqarrija da parti ta' Kyle Ebejer, ma tressqet ebda prova in rigward il-pretensjonijiet tal-konvenuta, li naqset ghal kollox milli tghamel ebda referenza ghal dan l-allegat krditu spettanti lilha meta tat id-deposizzjoni taghha.

Illi t-Tribunal jinnota illi meta l-konvenuta giet konfrontata bil-fatt illi l-attrici wettqet il-hlas ta' diversi oggetti u servizzi rizultanti mir-rendikont li gie mhejji mill-attrici stess, hi ma cahditx illi kienet l-istess attrici li hallset ghalihom, izda ssostni biss illi l-attrici hallset ghalihom minn jeddha, u ghaliex riedet hi. Illi filwaqt illi t-Tribunal ma jeskludix illi effettivament hekk kien qed jigri, u cioe' illi l-attrici kienet qed toffri ghajnuna finanzjarja lill-konvenuta, dan mhux necessarjament ifisser illi tali ghajnuna kienet qed tinghata minghajr ebda aspettativa li l-ammonti mghotija jigu eventwalment refuzi. Illi ghalkemm huwa ferm probabbli illi l-attrici kienet qed tixtri xi oggetti ghall-konvenuta fi spirtu ta'

hbiberija, bhal per ezempju pakketti tas-sigaretti, madanakollu, u f'dak li jirrigwarda hlasijiet illi saru mill-attrici lil Untours Insurance u lil xi Tobba Medici, u anke ghall-kont tad-dawl u ilma, ma tibqax daqstant kredibbli t-tezi tal-konvenuta illi tali hlasijiet kienu qed isiru mill-attrici minn jeddha, u minghajr ebda aspettattiva li dawn l-ammonti jigu refuzi lura lill-attrici. Illi tant huwa hekk illi l-istess konvenuta ddikjarat illi meta kienet ghand l-ssigurazzjoni, ma kellhix bizzejjed flus fuqha sabiex thallas ghall-claim, u zieditha d-differenza fi flus l-attrici, li dak il-hin kienet maghha.

Illi ghalkemm ma rrizultax kjarament jekk l-ammonti li thallsu mill-attrici kienux qed jinghataw in linea ta' self jew bhala rigal, madanakollu, u in bazi ta' ekwita', it-Tribunal huwa tal-fehma illi dawk l-ammonti rizultanti mir-rendikont imhejji mill-attrici li thallsu in konnessjoni mal-kollizjoni awtomobilistika, u cioe' l-claim, u hlas iehor lil Untours Insurance, il-mera tal-karozza, u ammont iehor relatat mal-karozza, liema transazzjoni hija datata 12 ta' Novembru, 2008, il-kont tad-dawl u ilma, hlas lill-Kunsill tal-Hamrun, il-gass, il-prodott mediku bl-isem Canesten, onorarju ta' Dr Zammit u Dr Caruana, librett tal-Housing Authority, Mobile Telecom San Gwann, li kumplessivament jammontaw ghal tliet mija, sebgha u hamsin ewro u tliet centezmi (€357.03c), ghandhom jigu refuzi mill-konvenuta lill-attrici, filwaqt illi dawk l-ammonti li jidhru li jintefqu fi hrug rikreazzjonali u pakketti tas-sigaretti, ghandhom jigu meqjusa li ntefqu mill-attrici fi spirtu ta' hbiberija, u ghalhekk mhux rifondibbli mill-konvenuta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, u jichad ukoll il-kontro-talba mressqa mill-konvenuta rikonvenjenti, qed jilqa' *in parte* t-talba tal-attrici u qed jordna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' tliet mija, sebgha u hamsin ewro u tliet centezmi (€357.03c), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez, inkluz dawk tas-sentenza preliminari, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------